MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2014

Appell Kriminali Numru. 208/2014

Il-Pulizja

Spettur Jurgen Vella

Vs

Robert Spiteri

Illum 4 ta' Dicembru, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Robert Spiteri, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 217270M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Ghan-nom u in rapprezentanza ta' Brown's Pharma Limited u/jew bhala persuna registrata mad-Direttur Generali ta-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' 1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII tal-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fis-16 ta' Novembru, 2012 gewwa Brown's Pharma Ltd, High Street Hamrun, jew hu jew impjegat teighu u/jew xi persuna ohra li kienet qed

tagixxi f'ismhu, offra li jipprovdi lill-persuna ohra u/jew espona ghall-bejgh oggetti waqt li kien sprovvist minn cash register fiskali jew kotba tar-ricevuti fiskali kif mahruga jew approvati mid-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 32 u 10 tat-Tlettax il-skeda ta' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att. Nru. XXIII tal-1998) u l-artikoli 51 u 77(o) 81 u 82 tal-istess Att.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fis-6 ta' Mejju, 2014, fejn il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 51, 77(o) u 82 kif ukoll il-partiti 1, 2, u 3 tat-tlettax il-skeda tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni u taghha kkundannatu disa' mitt Ewro (€900).

Rat ir-rikors tal-appell ta' Robert Spiteri, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-16 ta' Mejju, 2014, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni u htija.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

1. In-nullita' tas-sentenza appellata
   1.1 Fl-ewwel lok u preliminarjament, l-appellanti jirrileva illi s-sentenza appellata hija wahda nulla ghaliex filwaqt li l-ewwel Onorabbli Qorti iddikjarat fid-decide tas-sentenza appellata illi kienet qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni u sabet hati lill-appellanti tal-ewwel imputazzjoni, fl-akkuza migjuba kontra l-appellanti kien hemm akkuza wahda biss;
   1.2 Kwindi ma huwa xejn car mis-sentenza appellata mil-liema imputazzjoni kienet qieghda tasjteni milli tiehu konjizzjoni l-ewwel Onorabbli Qorti u lanqas jista' jkun car liema hija dik l-imputazzjoni li taghha nstab hati l-appellant;
   1.3 Ladarba kien hemm imputazzjoni wahda fl-att tac-citazzjoni migjuba kotra l-appellanti, is-sentenza moghtija fil-konfront tal-appellanti hija wahda nulla u bla effetti ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi;

2. F'kull kaz, l-imputazzjoni kif dedotta ma gietx ippruvata sal-grad rikjest mil-ligi
   2.1 L-imputazzjoni dedotta kontra l-appellanti hija fis-sens illi l-appellant bhala direttur tal-kumpanija Brown's Pharma Limited, ghan-nom u in rapprezentaza tal-istess, nhar is-16 ta' Novembru, 2012, gewwa Brown's Pharma Limited, High Street, Hamrun kien sprovvist minn 'cash register';

2.2 Filwaqt illi l-appellanti ma jikkontestax li huwa direttur tal-kumpanija Brown's Pharma Limited, huwa jsostni li:

2.2.1 Quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti ma gie bl-ebda mod ippruvat li sehh xi reat minn gewwa 'Brown's Pharma Limited', High Street, Hamrun.

2.2.2 Quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti gie ppruvat li Brown's Pharma Limited ma ghanbdiex il-post tan-negozju taghha f'High Street, Hamrun izda fi Triq l-Industrija, Qormi;

2.3 Rigward l-ewwel punt hawn fuq espost, l-appellanti jirrileva li quddiem l-ewwel Qorti ma giex ippruvat li r-reat addebitat lill-appellanti sehh minn gewwa 'Brown's Pharma Limtied', High Street, Hamrun. Ghal kuntrarju, irrizulta li ma tezisti l-ebda 'Brown's Pharma Limtied' f'High Street, Hamrun. Ghalhekk l-appellanti jsostni li l-akkuza kif dedotta kontra tieghu ma gietx ipprvuata sal-grad rikjest mill-ligi u ghalhekk huwa kellu jigi liberat minn kull imputazzjoni u htija. L-ewwel Onorabbli Qorti argumentat li l-att tac-citazzjoni huwa validu u mhux null u ccitat gurisprudenza fis-sens li nuqqas fid-dettalji kontenuti fl-att tac-citazzjoni ma jwasslux ghan-nullita' taghha. L-eccezzjoni tal-appellanti pero' bir-rispett kollu dovut lill-Ewwel Onorabbli Qorti, ma kienx li l-att tac-citazzjoni kien null u ccitatt gurisprudenza fis-sens li nuqqas fid-dettalji kontenuti fl-att tac-citazzjoni ma jwasslux ghan-nullita' taghha. L-eccezzjoni ta' l-appellant pero', bir-rispett kollu dovut lill-ewwel Onorabbli Qorti, ma kienx li l-att tac-citazzjoni kien null. Id-difiza tal-appellanti hija fis-sens illi la darba kien hemm indikazzjoni hazina tal-lok fejn allegatament gie kommess ir-reat – gewwa kumpannija li allura ma jistax ikun lok ta' kummissjoni ta' reat – l-imputazzjoni kif dedotta ma gietx ippruvata sal-grad rikjest mill-ligi u kwindi l-appellanti kellu jigi liberat minn kull imputazzjoni u htija;

2.4 Rigward it-tieni punt hawn fuq espost, l-appellanti jirrileva li minghajr pregudizzju ghall-fatt li l-lok tar-reat ma setax ikun dak indikat cioe' 'Brown's Pharma Limited', quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti gie ppruvat li Brown's Pharma Limited ma ghandiex il-post registrat u tan-negozju taghha f'High Street, Hamrun izda fi Triq l-Industira, Qormi u dana permezz tad-dokumenti esebiti mill-istess prosekuzzjoni u mnizzla mis-sit ufficjali tal-Awtorita' ta' Malta dwar is-Servizzi Finanzjarji (MFSA). Ghalhekk ukoll, l-imputazzjoni kif migjuba kotnra l-appellanti ma gietx ippruvata sal-grad rikjest mill-ligi u ghal din ir-raguni wkoll, l-appellanti kellu jigi liberat minn kull imputazzjoni u htija;

3. Molteplicita' ta' kundanni.

3.1 Minghajr pregudizzju ghal dak kollu espost hawn fuq, l-appellanti jirrileva li in prim' istanza huwa nstab hati flimkien ma' Alexander Fenech, direttur iehor tal-kumpanija Brown's Pharma Limited, dwar l-

> istess fatti mertu ta' dan il-kaz. L-appellanti jilmenta li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kelliex – fi kwalsijasi kaz – tikkundanna doppjament lill-appellanti u lill-imsemmi Robert Spiteri dwar l-istess fatti;

Ikkunsidrat,

Irrizulta mill-provi illi fis-sittax (16) ta' Novembru elfejn u tnax (2012) saret spezzjoni fi spizerija jisimha Brown f'High Street, il-Hamrun. Din l-ispizerija hija gestita mis-socjetà Brown's Pharma Limited illi taghha l-appellant huwa direttur. Irrizulta illi dakinhar illi saret l-ispezzjoni l-ispizerija inkwistjoni ma kinitx munita b'cash register imma kienet qed tintuza sistema komputerizzata illi kienet ghadha ma gietx approvata mid-Direttur Generali tal-VAT. Is-sistema però kienet qed tirregistra b'mod normali s-sales illi kienu jidhlu.

B'sentenza moghtija fis-6 ta' Mejju 2014 il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghal disa' mitt ewro (€900). L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell fejn ecepixxa n-nullità tas-sentenza appellata peress illi fid-decide inghad illi l-Qorti qieghda tastjeni milli tiehu konjuzzjoni tat-tieni imputazzjoni u sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni mentri fl-imputazzjoni hemm biss akkuza wahda. It-tieni aggravju huwa illi l-imputazzjoni kif dedotta ma gietx ippruvata sal-grad rikjest mil-ligi. Dan il ghaliex ma kienx minnu illi l-ispizerija kienet sprovvista minn cash register u di più ma giex ippruvat illi r-reat sehh gewwa "Browns Pharma Limited" f'High Street, il-Hamrun.

Ikkunsidrat:

Rigward l-ewwel aggravju huwa minnu illi l-ewwel Qorti fid-decide taghha iddikjarat illi kienet qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni u sabet lill-appellant hati tal-ewwel. Dana ovvjament huwa lapsus tal-Qorti tal-Magistrati jew inkella xi konsegwenza ta' xi "cut and paste" mehuda minn xi sentenza ohra. Meta l-Qorti qieghda tiddikjara illi qieghda ssib lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni u kontra l-appellant hemm biss imputazzjoni wahda, allura l-appellant jaf sew ghal xhiex qieghda tirreferi l-ewwel Qorti u ma hemm xejn incert dwar din id-decizjoni. Fil-fatt huwa ghamel l-appell tieghu mid-decizjoni tal-ewwel Qorti rigward l-imputazzjoni migjuba kemm ghal dawk illi huma argumenti legali kif ukoll fattwali. Ghalhekk il-Qorti tghaddi biex tichad dan l-ewwel aggravju tal-appellant.

Ikkunsidrat:

Rigward il-meritu huwa minnu illi fis-16 ta' Novembru 2012 kienet qed tintuza sistema komputerizzata illi ma kinitx ghadha giet approvata mid-Direttur Generali tal-VAT. Però jidher illi kienet digà saret applikazzjoni il ghaliex din l-approvazzjoni

giet ftit granet wara, fil-hamsa (5) ta' Dicembru tal-elfejn u tnax (2012) (ara fol 25). Terga' din l-awtorizazzjoni ma kinitx tkopri biss l-outlet tal-kumpanija l-Hamrun izda d-diversi outlets illi kellha fid-diversi irhula ta' Malta.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-ispetturi tal-VAT ghagglu wisq meta indirizzaw din l-ispizerija partikolari illi digà kellha applikazzjoni mad-dipartiment illi kienet ghadha qed tigi processata. Ma tafx x'ippretendew dawn l-ispetturi, illi ghal dawk il-ftit granet sakemm hareg il-permess definittiv, l-ispizerija ma toperax? Illi gara kien illi s-sales kienu qed jigu recorded fuq sistema komputerizzata u ma kien hemm l-ebda nuqqas illi jidher illi kien qed ibaghti biha l-erarju.

Ghalhekk filwaqt illi din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti kienet teknikament korretta meta sabet lill-appellant hati ta' din l-imputazzjoni, però din il-Qorti jidhrilha illi stante l-ftit granet meta definittivament hareg il-permess fil-hmistax (15) ta' Dicembru tal-elfejn u tnax (2012) l-appellanti ma kellhomx igorru l-piz kollu tal-ligi fuq spallejhom. Din il-Qorti hija sodisfatta illi l-appellant ma kellu l-ebda intenzjoni jiddefrawda d-Direttur Generali tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud jew inkella jmur kontra xi regolament tal-istess Att dwar il-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud. U ghalhekk jidhrilha illi ghandha tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentament tordna illi l-appellant jigi liberat minn kull imputazzjoni u htija.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------